**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 339/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu Malta fl-10 ta' Marzu, 2007;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla li hija minuri;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, datat 20 ta' Dicembru, 2013, kopja ta' l-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';
4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom milli jitolbu l-manteniment minghand xulxin;

5. Illi izda ai termini ta' l-istess kuntratt hawn imsemmi r-rikorrent ghad ghandu l-obbligu li jhallas manteniment mensili lill-konvenuta fir-rigward ta' binthom il-minuri, li ma jidhirx li hemm problemi fuq tali hlas;
6. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom ghal aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien, u ghalhekk ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet Evgeny Ulanov u Sabrina Bonett, liema zwieg gie iccelebrat Malta fl-10 ta' Marzu, 2007;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi hija giet a konjizzjoni tar-rikors guramentat ipprezentat mill-attur Evgeny Ulanov, fejn huwa talab illi dina il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom;

Illi permezz tal-prezenti, l-konvenuta qeghda ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi tikkonferma l-kontenut tal-istess rikors, u konsegwentement, tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Awissu, 2015;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Dicembru 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.